MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2006

Appell Civili Numru. 2017/2001/1

**Paul Mallia**

**v.**

**Robert Agius u b'digriet ta' l-20 ta' Novembru, 2001 giet msejjha fil-kawza s-socjeta` Melita Insurance Agency Ltd u b'digriet tal-15 t'April 2002 il-Kmandant tal-Forzi Armati interviena fil-kawza in statu et terminis u b'digriet tat-30 ta' Mejju 2002 gie mhassar contrario imperio id-digriet tal-20 ta' Novembru 2001.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari;**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju, 2001 l-attur ppremetta li huwa jinsab fis-servizz militari mal-Forzi Armati ta' Malta; illi fil-21 ta' Awissu, 2000 meta huwa kien qieghed fis-servizz tieghu gewwa Lyster Barracks f'Hal Far huwa sofra incident serju b'dannu gravi u ta' natura permanenti fuq il-persuna tieghu hekk kif iccertifika Mr. Victor M. Sultana MD, F.R.C.S. fir-rapport mediku tieghu hawn anness u mmarkat bhala Dok. PM1; illi tali incident sehh tort unikament tal-konvenut u dana minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti ta' l-istess konvenut; illi ghalkemm il-konvenut gie interpellat mill-attur sabiex huwa jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni huwa baqa' inadempjenti; dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li huwa sofra danni personali u permanenti fuq persuntu, liema incident sehh minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut;

2. tillikwida d-danni sofferti, okkorrendo bl-opera ta' periti medici nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

B'nota pprezentata fid-9 ta' Novembru, 2001 il-konvenut Robert Agius eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni bl-ismijiet fuq premessi ma ghandha l-ebda effett fil-konfront tal-konvenut stante li l-Avukat Generali ma giex notifikat u dan ai termini tal-Art. 181(B)(3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandha tigi kjamata fil-kawza Melita Insurance Agency Limited peress illi din hija s-socjeta` assikuratrici tal-vetturi Taljani wzati mill-Armata.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut mhuwiex responsabbli ghad-danni allegatament ikkagunati lill-attur.

4. Illi huwa m'ghandux ibati spejjez.

Illi b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ordnat is-sejha fil-kawza tas-socjeta` Melita Insurance Ltd a spejjez tal-konvenut u b'digriet tal-15 ta' April, 2002 awtorizzat l-intervent fil-kawza "*in statu et terminis"* tal-Kap Kmandant tal-Forzi Armati. Sussegwentement b'digriet tat-30 ta' Mejju, 2002, in vista ta' l-irtirar tat-talba ghas-sejha fil-kawza tas-socjeta` assikuratrici Melita Insurance Agency Ltd, dik il-Qorti rrevokat '*contrario imperio*' id-digriet taghha tal-20 ta' Novembru 2001.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tad-19 ta' Jannar, 2005 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi previa c-cahda ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghaddiet biex "*tilqa' t-talbiet tal-attur, tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fil-21 ta' Awissu 2000, u li fih wegga' l-attur, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM6,241 (sitt elef mitejn u wiehed u erbghin lira Maltin) in linea ta' danni, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.*" Dik il-Qorti wkoll ikkundannat lill-konvenut ihallas l-ispejjez tal-kawza hlief ghal dawk koncernanti l-intervenut fil-kawza li ghandhom jigu sopportati minnu stess; u dana wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:
"Illi din il-kawza tikkoncerna incident li sehh f'Lyster Barracks, gewwa Hal Far, limiti ta' Birzebbugia, fil-21 ta' Awissu, 2000. L-attur huwa ngaggat bhala *gunner* mal-Forzi Armati ta' Malta, u dak inhar tal-incident hu u hames

suldati ohra gew mibghuta ghassa mal-Habs Civili ta' Kordin. L-attur u shabu marru l-armerija biex jigbru l-arma u baqghu sejrin fil-post fejn ikunu ipparkjati l-vetturi tal-armata li jintuzaw ghall-gar tas-suldati lejn id-*duties* taghhom. Hekk kif waslu fil-parkegg, l-attur 'ltaqa max-xufir li kien se johodhom lejn il-Habs Civili u staqsieh liema kienet il-vettura li kienet se tintuza ghat-trasport taghhom. Ix-xufier, li kien il-konvenut Robert Agius, ipponta b'subajh lejn vettura partikolari.

"L-attur u shabu avvicinaw dan it-trakk halli jirkbuh; it-*truck* kien mitfi. Dan it-trakk partikolari ghandu hames b'bibien (sic) b'kollox. Wahda ghas-sewwieq u ohra ghall-passigier ta' quddiem, tnejn wara precisament wara dawn halli wiehed jitla' fil-vettura u jsib *bank* wiehed li joqghodu tlett persuni fuqu, u bieb wara nett li titla minnu u ssib erba' *seats* fuq in-naha ta' wara. Peress li l-attur kien se joqghod fuq in-naha ta' wara, dar mal-vettura halli jmur fuq wara tat-trakk halli jitla' minn dik il-bieba partikolari. Dan it-trakk kien ipparkjat b'lura ma' hajt, distanza ta' xi metru jew metru u nofs 'l boghod mill-hajt.

"Meta l-attur mar wara t-trakk u ipprova jiftah il-bieba ta' wara, f'daqqa wahda hass it-trakk jirriversja ghal fuqu, b'mod illi t-trakk beda jaghmel manuvri 'l quddiem u lura u jghaffeg lill-attur mal-hajt. Jirrizulta li wara li x-xufier indika lill-attur u shabu b'liema vettura kienu sejrin, huwa ddecieda li jistartja l-vettura. Il-konvenut (ix-xufier) minn barra t-trakk, dahhal idu mit-tieqa tal-bieba tat-trakk, minn naha tad-*driver*, u dawwar l-*iginition* biex iqabbad il-magna. Hekk kif il-konvenut startja t-trakk, dan f'daqqa wahda mar lura b'certa sahha u tela' l-bankina. Il-konvenut, li kien barra t-trakk, ma setax jirreagixxi malajr meta sema' l-ghajjat tal-attur minn wara t-trakk, u l-attur spicca qala' diversi daqqiet bit-trakk li beda jsamru mal-hajt. L-attur sofra griehi kbar u ittiehed l-isptar. Saru fuqu diversi interventi medici, *per`*, l-attur baqa' jsofri minn dizabilita` permanenti.

"Bl-incident gie infurmat l-Magistrat Dottor Joseph Apap Bologna li nieda inkjesta. Hu hatar lil diversi esperti biex jassistuh fl-inkjesta, fosthom PC 1336 Jesmond Micallef

biex jiehu ritratti tal-lok tal-incident, il-Perit Richard Aquilina, biex jaghmel pjanta tal-post tal-incident, is-Sur Joseph Zammit, biex jezamina l-istat tal-vettura involuta fl-incident, u l-Avukat Dottor Joseph Micallef Stafrace, bhala espert tat-traffiku, biex jirrelata dwar ic-cirkostanzi tal-kaz. Il-perit legali, Dr Joseph Micallef Stafrace, ikkonkluda li ghall-incident jahti x-xufier,il-konvenut Agius li saq il-vettura *in kwistjoni* b'maniera traskurata.

"Mill-atti processwali f'din il-kawza, il-Qorti taqbel li l-incident sehh konsegwenza ta' nuqqas ta' attenzjoni u diligenza *da parti* tal-konvenut, li mhux biss startja l-vettura minn barra, izda ukoll startaha minghajr ma ccekkja jekk il-karozza kienetx *on gear* jew le. Huwa ovvju li meta vettura tinsaq minn diversi persuni dak li jkun se jsuq il-karozza ghandu, qabel ma jixghel il-magna, jidhol fil-vettura, jissetja s-*seat* u r-*rear-view mirror* ghal kondizzjoni tieghu, u jiccekja l-posizzjoni tal-*handbreak* (recte 'handbrake')u tal-*gear lever*. Jekk jirrealizza li l-karozza tkun *on gear* u bil-*handbreak* mhux on, ghandu l-ewwel itella l-*handbreak*, (recte 'handbrake') ipoggi l-gear f'posizzjoni ta' *free*, u wara dan, u wara dan biss, jittenta jistartja l-karozza. Il-konvenut m'ghamel xejn minn dan. Dahal fil-vettura u xeghel l-*ignition,* izda meta ra li d-dawl ma xeghelx, rega nizel minn fuq it-trakk, xeghel il-*main switch*, u waqt li kien ghadu barra dahhal idu mit-tieqa u startja l-vettura. Waqt dan kollu, avolja kien jaf li kien hemm xi suldati li kienu qed jahsbu biex jitilghu fuq it-trakk, ma tax kaz dawn fejn kienu u lanqas biss ivverifika jekk dawn kienux jew le fil-vicinanzi tal-vettura. *Inoltre,* hu ma ccekjax li stat tal-*gear* tal-vettura, u peress li din kienet "*on reverse gear*" u l-*handbrake* kien "*disengaged*" meta startja l-vettura din imxiet lura b'sahha, telghet bankina u ghalqet lill-attur mal-hajt.

"Hu veru li l-*gunner* Anthony Gatt, li kien se jirkeb minn quddiem, il-konvenut qallu biex jistenna qabel ma jirkeb sakemm iressaq 'l quddiem, pero` ma vverifikax x'kienet is-sitwazzjoni tas-suldati l-ohra. Hu kien jaf li xi hadd kellu jirkeb minn wara, izda qabel ma startja l-karozza ma ccekjax kienx hemm xi hadd wara u jekk dan kienx jaf li hu kien se jistartja l-karozza. Lill-*gunner* Gatt qallu biex

jistenna, ghax dan rah quddiemu u rrimarkalu li kien se jirkeb izda avvolja kien jaf li kellu jkun hemm hames suldati ohra madwar it-trakk ma qies dawn fejn kienu qabel ma startja, u lanqas ma qies jekk il-vettura kienetx *safe* jew le biex tigi startjata.

“Kwindi l-Qort tikkonkludi li ghall-incident *in kwistjoni*, jahti unikament il-konvenut.

“Ghar-rigward tad-danni jirrizulta li l-attur kellu 32 sena meta sehh l-incident, li ghandu jwassal ghall-figura ta’ 23 bhala multiplier (ara l-insenjament ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza “Caruana vs Camilleri” deciza fis-27 ta’ Frar 2004). Jirrizulta wkoll li hu gie certifikat li jbati minn 6% dizabilita` minn Mr Carmel Sciberras, u 14% dizabilita` minn Mr Joseph Attard. Jigi rilevat li c-certifikat ta’ Mr Sciberras kien jeskludi l-problemi li huma derivanti minn milsa nieqsa u mid-demm ma l-ippurgar, peress li huwa ma huwiex *general surgeon,* u ghal dawn il-materji, irrelata l-espert mediku l-iehor nominat mill-Qorti Mr Joseph Attard. Meta pero` tigi biex tkun komposta d-dizabilita` totali, din id-dizabilita trid tigi kunsidrata *in relazzioni* ghal persuna bhala entita` fisika wahda, minghajr ma jigi presunt li multiplicita` ta’ feriti jigu komputati komplessivament biex jirriflettu l-percentagg reali tad-dizabilita` li wiehed ikun sofra minnhom. Altrimenti wiehed jista’ jasal ghall-konkluzzjoni assurda illi f’xi cirkostanzi jkollok diversi percentaggi ta’ dizabilita` li mehudin wahedhom u minghajr korrispondenzi wiehed mal-iehor imorru ol*tre l-1*00%. Jew invoice [recte: invece] illi diversi dizabilitajiet zghar wahdehom mehudin singularment u mghadudin flimkien jkunu juru stat ta’ dizabilia` gravissima fuq il-karta, meta ma tkunx daqshekk gravi fir-realta`. “Fil-kaz “Caruana vs Camilleri”, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta’ Ottubru 1993, il-Qorti *titkellem dwar “*weighted average”, u rriferit ukoll *ghas-sentenza* “Butler vs Heard” *fejn intqal li “dak li jrid jigi stabbilit ma uwiex il-grad ta’ inkapacita` f’sens purament mediku, izda l-effett illi l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh* tad-danne*ggjat.”“Mehud in* konsiderazzjoni l-griehi li ghadu jbati minnhom l-attur, il-Qorti tqies li grad ta’ dizabilita` ta’ 18% ikun wi*ehed gust mehud in*

konsiderazzjoni d-difikultajiet fizici li sejjer ibati minnhom l-attur.“Dwar id-dhul ta’ l-attur, dan ma jidhirx li huwa *wisq izjed m*ill-minimum wage. Ma jirrizultax x’inhu l-livell ta’ edukazzjoni tal-attur (ghalkemm tidher li hi wahda baxxa u kwindi ma tistax issir previzzjoni cara dwar x-possibilitajiet ghandu l-attur li javvanza fil-karriera tieghu, jew li jsib xi xoghol iehor alternattiv aktar remunerattiv. Minn naha l-ohra, la tista’ tigi eskluza l-possibilita` li l-paga ta’ l-attur tizdied maz-zmien, u lanqas li l-attur javvanza fil-karriera tieghu *b’rizultat* tal-performance tieghu bhala suldat. Ghalhekk il-Qorti sejra tahdem fuq qliegh annwali ta’ LM5,500,li minnha m’ghandu jsir ebda tnaqqis la minhabba taxxa fuq id-dhul (ara “Muscat vs Schembri” deciza minn din il-Qorti fis-27 ta’ Jannar, 1972) u lanqas minhabba l-hlasijiet tal-PAYE jew kontribuzzjonijiet tas-sigurta nazzjonali ara “Caruana vs Farrugia” deciza minn din il-Qorti fit-23 ta’ Novembru, 1983. “B’hekk, id-danni li ghalihom l-attur irid jigi kkumpensat ghandhom jigu kkalkulati hekk:

LM5,500 x 23 x 18% = LM22,770

“Peress li dan l-incident sehh f’Awissu tat-2000, il-Qorti sejra tnaqqas 18% minhabba li l-hlas qed isir bhala *lump sum*. B’hekk il-kumpens dovut lill-attur jammonta ghal LM18,672.

“Jirrizulta, pero`, li l-attur minhabba dan l-incident u griehi li sofra, gie *dischareged on medical grounds* u, oltre il-pensjoni tas-servizz, qed jiehu wkoll pensjoni socjali ta’ LM574 fis-sena, liema pensjoni tinghata lil dawk il-membri li jwegggha fuq is-servizz. Fil-fehema tal-Qorti, dan huwa kumpens direttament relatat mal hsara, u la l-attur qed jiehu dan il-beneficcju, m’ghandux jiehu l-kumpens likwidat shih, imma dan ghandu jonqos bil-valur ta’ kumpens li qed jiehu konsegwenza diretta tal-incident *in kwistjoni*. L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell, fil-kawza “Eder vs Bajada”, deciza fid-29 ta’ Marzu, 1985,kienet osservat li l-kumpens li l-vittma kien ha minghand il-kumpanija assikuratric privata BUPA kellu jitnaqqqas mill-ammont ta’ danni likwidat, fis-sens li dak li kkupra minn dik id-ditta asskuratrici, ma jistghux jingabru wkoll minghand il-

persuna responsabbli ghall-hsara. Hawn wkoll, parti mit-telf li sofra bhala *lucrum cessans*, qed jinghata lilu direttament mill-Forzi Armati ta' Malta bhala *special pension*, u l-valur ta' din il-peensjoni trid ghalhekk, tonqos mis-somma likwidata (ara wkoll "Mamo vs Micallef" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-20 ta' Marzu, 1989, fejn ukoll tnaqqset il-pensjoni li ha l-attur).

"Fuq medda ta' 23 sena (il-multiplier addattat (recte: adottat) minn din il-Qorti),l-attur se jiehu pensjoni specjali ta' LM13,202 li qed tigi ridotta ghall-LM12,600, peress li l-attur mhux se jiehu din il-pensjoni f'daqqa.jekk wiehed inaqqas din is-somma mis-somma likwidata jigi li l-kumpens dovut lill-attur ghandu jkun ta' LM6072.

"L-attur qed jirreklama wkoll is-somma ta' LM169, bhala spejjez medicinali u tobba. Din is-somma giet ippruvata u sostnuta u, *kwindi*, ghandha tinghata lill-attur.

"Ghar-rigward ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, gandu jinghad li din il-kawza ma saretx kontra l-Gvern u *kwindi* l-artikolu 181B(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghall-kaz. Il-kawza saret kontra persuna fizika fil-kwalita` taghha personali u l-fatt li l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta gghogbu jintervjeni fil-process, ma jaghmilx il-kawza "*kontra l-Gvern*" li tinnecessita` notifika ta' l-att tac-citazzjoni lill-Avukat Generali tar-Repubblika *kwindi* dik l-eccezzjoni qed tigi michuda."

**L-appell ta' l-attur.**

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata limitatament ghall-mod kif gew ikkomputati u likwidati d-danni fil-konfront tieghu u ghalhekk b'rikors intavolat fl-1 ta' Frar 2006 talab li din il-Qorti joghgobha tvarja u timmodifika s-sentenza msemmija billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti taghha fejn laqghet l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba, thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza ghal dak li jirrigwarda s-somma llikwidata u dana billi tillikwida a favur l-attur somma superjuri ghal dik illikwidata u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Il-konvenut Robert Agius, debitament notifikat bir-rikors ta' appell naqas li jressaq risposta filwaqt li l-intervenut fil-kawza l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati intavola risposta fejn talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' l-appell kontra l-appellant.

**L-aggravji ta' l-attur appellant.**

Kif gia` nghad l-appell ta' l-attur huwa indirizzat lejn l-komputazzjoni tal-*quantum* tad-danni hekk kif likwidat mill-ewwel Qorti. Kien ghalhekk li in sostenn ta' dan l-appell l-istess attur appellant indirizza erba' punti kardinali li ghandhom rifless fuq l-ammont li finalment jigi akkordat lilu in linea ta' danni. Dawn jikkoncernaw:-

a) Il-'*multiplier*'
b) Il-'pensjoni tas-servizz'
c) Ir-riduzzjoni applikata minhabba l-fatt li l-ammont ser jinghata f'daqqa
d) L-attivita` 'part time'

Dawn ser jigu trattati hekk kif proposti.

**Dwar il-*multiplier*.**

Qed jigi sottomess mill-appellant li fil-komputazzjoni tan-numru ta' snin li l-ewwel Qorti kkunsidrat ghall-fini tal-*multiplier*, il-Qorti jidher li ghamlet zball billi hadet bhala "*punto di partenza*" l-eta` ta' 32 sena, mentri jirrizulta li fid-data ta' l-incident l-attur kellu biss 28 sena u ghalhekk in-numru ta' snin ghall-fini tal-komputazzjoni tal-kumpens kellu jkun aktar. In sostenn ta' dan l-attur jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza **Caruana v. Camilleri** deciza fis-27 ta' Frar 2004, citata mill-ewwel Qorti, meta ghal persuna ta' 30 sena gie adottat *multiplier* ta' 25 sena. L-appellant ikompli jssottometti li fic-cirkostanzi ghandu jigi addottat *multiplier* ta' 33 sena, u cioe` n-numru ta' snin mid-data ta' l-incident sal-"*retiring age*", dan izjed u izjed meta jirrizulta li bhala rizultat ta' l-incident huwa tilef l-impieg tieghu.

Fir-risposta ipprezentata mill-intervenut fil-kawza l-Kap Kmandant tal-Forzi Armati jinghad li "*din id-diskrepanza ma tinfluwixxix fuq is-sustanza tal-process ta' kalkolazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti*" u li inoltre "*kull Qorti ghandha d-dritt u d-dover li taghmel l-apprezzament taghha tal-fatti relattivi ghal kemm jinhtieg ikun il-multiplier minn kaz ghal kaz.*"

Din il-Qorti tapprezza li l-kumpens li eventwalment jinghata lill-korrut huwa u jibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Per konsegwenza, ghalkemm hemm certi regoli li llum isibu applikazzjoni generali f'dawn it-tip ta' kawzi, jibqa' dejjem fl-arbitrju tal-gudikant – tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz – li jiddetermina l-*quantum*. B'dana kollu hija certament relevanti l-eta` proprja tal-korrut fid-data ta' l-akkadut dan ghaliex, ghalkemm il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-incertezzi tal-hajja ta' dak li jkun meta tigi biex tiffissa l-*multiplier*, ir-relazzjoni bejn l-eta` fid-data ta' l-incident u r-*retiring age* ta' 61 sena, hija l-ewwel konsiderazzjoni li l-Qorti taghraf. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-izball ghandu jigi rikonoxxut u konsegwentement il-*multiplier* jigi aggustat biex jirrifletti r-realta` tal-fatti.

Persuna normalment ghandha hajja lavorattiva sa l-eta` ta' 61 sena, u ghalkemm ic-cirkostanzi tal-hajja jistghu jinfluwixxu fuq l-probabilita` li persuna tibqa' tahdem sa dik l-eta`, l-presunzjoni dejjem tibqa' dik li l-ligi stess tirrikonoxxi. L-attur jissottometti li ghandu jigi akkordat lilu *multiplier* ta' 33 sena u cioe` l-ammont ta' snin bejn l-eta` li kellu fid-data ta' l-incident u l-61 sena meta suppost jirtira mix-xoghol. Din il-Qorti, anke fuq l-iskorta ta' divers sentenzi ormai rikonoxxuti, hi tal-fehma li ma ghandhux jigi akkordat dan il-massimu, anke jekk, kif jissottometti l-attur appellant, huwa tilef l-impieg tieghu kompletament – mhux bhal f'kazi ohrajn fejn kumpens jinghata anke jekk l-aggravat ma jkunx titlef l-impieg tieghu jew sahansitra anke jkun ha xi *promotion* fil-mori tal-kawza – u dana billi l-kaz ta' l-appellant jmur oltre n-normal u dan billi, bhala addett mal-forzi armati, huwa jista' jirtira wara 25 sena servizz u cioe` ta' l-eta` ta' 48 sena. Dan ma jfissirx li allura l-*multiplier* ta' l-appellant ghandu jigi komputat biss

entro dawn il-paramentri, ghax wara li jispicca mis-servizz l-attur seta` jkompli f'impieg iehor, izda dan il-fattur, apparti cirkostanzi ohra jinfluwixxu fuq mohh il-gudikant dwar il-hajja lavorattiva ta' l-attur. Hija l-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk li l-*multiplier* ghandu jizdied minn 23 sena ghal 27 sena. Dan ghalhekk ser jigi rifless fil-komputazzjoni finali.

**Dwar il-pensjoni tas-servizz.**

Qed jigi sottomess li l-appellant hassu aggravat bil-fatt li filwaqt li l-ewwel Qorti naqqset l-ammont li ghandu jippercepixxi in linea ta' danni bl-ammont li huwa qieghed u se jircevi regolarment fis-sena, injorat kompletament il-fatt li bhala rizultat ta' l-akkadut huwa se jitlef pensjoni ta' LM255.72 fix-xahar bejn l-eta` ta' 48 u 61 oltre l-'*bonus*' ta' LM116 fis-sena.

Ghal dan, l-intervenut, filwaqt li jirrikonoxxi li l-attur kien jiehu tali pensjoni fl-eta` dikjarata, isostni fl-ewwel lok li l-attur ma tkecciex mill-impieg izda li dan gie *boarded out* fuq insistenza tieghu stess li ma kienx ghadu tajjeb ghax-xoghol.

Oltre dan qed jigi sottomess mill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati li l-appellant gie moghti, u se jibqa' jithallas ghal ghomru kollu, dak li hemm provdut fir-regolamenti relattivi.

Din il-Qorti hija tal-fehma, anke fuq bazi ta' ekwita`, li d-danneggjat ghandu, kemm jista' jkun – fl-assenza ta' reintegrazzjoni fizika – jitqieghed kemm jista' jkun f'posizzjoni li jibqa' jgawdi dak li potenzjalment kien se jgawdi kieku ma sehhx l-akkadut. Huwa minnu li ma hemmx prova, kif sottomess mill-intervenut fil-kawza, li l-attur appellant ghamel l-almu tieghu kollu biex isib xoghol alternattiv, pero` din ic-cirkostanza ftit li xejn tinfluenza l-ezitu finali tad-danni billi dawn jinghataw sew jekk d-danneggjat jkun ghadu fl-istess impieg sew jekk jista' minghajr impieg. Mill-banda l-ohra huwa fatt innegabbli li membru tal-forzi armati huwa intitolat ghall-pensjoni shiha wara 25 sena servizz u dana minkejja li fl-eta` hekk pensjonabbli jsib impieg iehor full time. Ghalhekk din il-

Qorti tikkondividi l-ilment ta’ l-attur li l-ewwel Qorti ma llikwidat ebda kumpens ghall-pensjoni li kienet se tintilef minnu bejn meta jilhaq ir-*retiring age* skond ir-regolamenti tas-servizz u l-eta ta’ irtirar skond il-principji rikonoxxuti u cioe` ghall-perjodu ta’ 13-il sena.

Jirrizulta li ta’ l-eta` ta’ 28 sena l-attur kien jkun intitolat ghall-pensjoni shiha ta’ LM255.72 fix-xahar (dana dejjem fuq ic-cirkostanzi prezenti). Kien ghalhekk ikun intitolat ghas-somma ta’ LM3068.64 fis-sena. Bhala pensjoni tad-dizabilita` pero` l-attur kien ser jircevi LM574 fis-sena. Ghalhekk, fil-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* ghal perjodu ta’ sebgha snin u cioe` iz-zmien bejn ir-*retiring age* u l-massimu tal-*multiplier* li jwassal ghall-55 sena tal-hajja lavorattiva ta’ l-attur, is-somma ta’ LM2495 (cioe` LM3068.64 – LM574) ghandha tittiehed in konsiderazzjoni. Dan se jigi komputat fil-parti konkluzziva tas-sentenza.

**Dwar il-lump sum reduction.**

Hija regola ormai accettata li, stante li l-ammont ta’ danni likwidati jkun ser jithallas f’daqqa, issir riduzzjoni ta’ 25 fil-mija mill-ammont likwidat. Dan il-percentwali f’xi okkazzjonijiet gie varjat bhal per ezempju meta l-kawza iddum hafna biex tinqata’ b’tort principalment tal-konvenut. Fil-kaz in ezami ma jidhirx li kien hemm xi dewmien eccessiv fid-determinazzjoni tal-vertenza jew li d-dewmien kien tort tal-konvenut jew l-intervenut fil-kawza. F’dan il-kaz ghalhekk generalment il-massimu tal-percentwali ghad-deduzzjoni jigi mnaqqas. Fic-cirkostanzi ma tara xejn hazin li l-ewwel Qorti adottat *lump sum deduction* ta’ 18% u ghalhekk tikkonfermaha.

**Dwar l-attivita` part time.**

L-attur appellant jghid li minkejja li ngibu provi li huwa kien jahdem *part time* b’introitu ta’ LM1440 fis-sena, fil-komputazzjoni tad-danni l-ewwel Qorti lanqas biss semmiet dan il-fatt u ma tat ebda kumpens fir-rigward.

Il-kontro-parti ghal dan l-ilment qed issostni li l-attur kien waqaf mix-xoghol *part time* ghar-ragunijiet kompletament estranei ghall-incident mertu tal-kawza u li dawn kienu serji tant li setghu jwasslu li l-attur qatt ma jerga' jaghmel dan it-tip ta' xoghol barrani.

Ix-xoghol *part time* li kien jaghmel l-attur kien, ftit jew wisq, relatat max-xoghol tieghu principali billi kien jahdem fis-*security*. Dan it-tip ta' xoghol kien jinnecessita waqfien fit-tul b'mod li minhabba l-incident mertu tal-kawza certament l-attur ma kienx jkun f'posizzjoni li jaqdi minhabba l-griehi li kien sofra – tant hu hekk li wahda mir-ragunijiet li telaq mix-xoghol principali tieghu – dak ta' suldat – kienet li ma jistax joqghod jieqaf fit-tul. Ghalhekk, irrispettivament jekk ir-raguni li kien waqaf mix-xoghol *part time* kinitx tibqa' issehh – fatt incert – certament l-attur ma kienx jkun jista` jerga' jidhol ghal dak it-tip ta' xoghol. Ta' din il-possibilita` l-attur ghandu jigi kumpensat bhal ma gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-22 ta' Ottubru 2002 (citata mill-appellant) fil-kawza **Attard v. Damato** li rriteniet li hemm dritt ta' kumpens meta lill-attur "*tnehhietlu l-possibilita` illi huwa jkun jista' jaghzel halli jaghmel din l-attivita`.*" Dan it-tnaqqis ta' introjtu ghalhekk ghandu, b'certa cirkospezzjoni, jittiehed in konsiderazzjoni ghall-iffissar tal-*lucrum cessans*. Qed jinghad hekk billi mill-banda l-wahda hemm il-possibbilita` li r-raguni l-ghala waqaf mill-*part time* tippersisti fit-tul, u billi ma hemm ebda garanzija f'*part time job.* Ghalhekk jkun xieraq li ghall-perjodu tal-multiplier tigi mizjuda s-somma ta' LM700 fis-sena biex taghmel tajjeb ghal dan it-telf.

Dwar il-grad ta' dizabilita` jidher li ma hemm ebda kontestazzjoni.

Minn dan kollu jidher li l-ilment ta' l-attur appellant huwa gustifikat billi d-danni li ghandhom jigu akkordati lilu ghandhom jinhadmu kif sejjer jinghad:

27 Multiplier X LM6,200 (paga + part time) X 18% dizabilita = LM30132
 7 Multiplier X LM2495 (bilanc ta'pensjoni) X 18% dizabilita` <u>=LM  3143</u>

Total
LM33275
Naqqas pensjoni mhallsa bil-quddiem ghal 27 sena
LM15498
Bilanc
LM17777
Naqqas 18% Lump sum payment
LM 3199
Ammont dovut
LM14578

Ghar-ragunijiet fuq moghtija s-sentenza appellata qed tigi kkonfermata inkwantu sabet lill-konvenut responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza u riformata inkwantu llikwidat d-danni dovuti lill-attur, billi l-ammont ta’ danni li qed jigi likwidat u dikjarat bhala dovut lill-attur jammonta ghas-somma ta’ erbatax il-elf hames mija tmienja u sebghin lira maltin (LM14,578) u l-konvenut qieghed konsegwentement jigi kkundannat ihallas dan l-ammont lill-attur.

Bl-ispejjez ta’ dan l-appell kontra l-konvenut u bl-imghax legali mid-data ta’ din is-sentenza wkoll kontra l-konvenut. L-intervenut fil-kawza ghandu jbati l-ispejjez tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------